**Reġjun Għawdex**

Laqgħa Nru 55/2016

**Minuti tat-ħamsa u ħamsin laqgħa tal-Kumitat Reġjonali Għawdex li saret fis-Sala tal-Kunsill Lokali Rabat – Città Victoria nhar il-Ġimgħa 26 ta' Frar 2016 fis-6.30 p.m.**

Il-Laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti:

| *Kunsill Lokali* | *Rappreżentant* | *Parteċipazzjoni* | *Membru Sostitut* | *Parteċipazzjoni* |
|---|---|---|---|---|
| Fontana | Sur Saviour Borg | Preżenti | Sur Victor Cefai | - |
| Għajnsielem | Sur Franco Ciangura | Preżenti | Sur Kevin Cauchi | - |
| Għarb | Sur David Apap Agius | Indispost | Srna Carmen Vella | Assenti |
| Għasri | Dr Daniel Attard | Assenti | Sur Emanuel Mintoff | Assenti |
| Ta' Kercem | Sur Mario Azzopardi | Preżenti | Sur Paul Mizzi | - |
| Il-Munxar | Sra Carmena Said | Preżenti | Sur Robert Mallia | - |
| In-Nadur | Sur Edward Said | Preżenti | Sur Eucharist Camilleri | - |
| Il-Qala | Perit Clint Camilleri | Skużat | Sur Jesmond Borg | Skużat |
| Rabat Citta' Victoria | Dr Samuel Azzopardi (President) | Preżenti | Sur Josef Schembri | - |
| San Lawrenz | Sur Noel Formosa (Viċi-President) | Assenti | Sur Anthony Formosa | Assenti |
| Ta' Sannat | Sur Philip Vella | Skużat | Sra Frances Galea | Assenti |
| Ix-Xagħra | Sur Joseph Cordina | Preżenti | Sur Aaron Agius | - |
| Ix-Xewkija | Sur Paul Azzopardi | Preżenti | Sur Domenic Zerafa | - |
| Iż-Żebbuġ | Sur Nicky Saliba | Preżenti | Mr Daniel Cordina | - |
| Segretarju Eżekuttiv | Sur George Refalo | Preżenti | - | - |

1. **<u>Qari, konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa preċedenti</u>**

1.1 Intqalgħet it-talba tal-bidu. Inqraw il-minuti tal-54 Laqgħa u ġew approvati unanimanent.

2. **<u>Punti imqajjma mill-Minuti</u>**

2.1 Il-President Dr Samuel Azzopardi, stieden lilll-membri preżenti sabiex iqajjmu xi punti mill-Minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu għadhom kif inqraw sabiex tkompli d-diskussjoni dwarhom.

Peress li ma kienx hemm punti imqajjma mill-membri preżenti, is-Segretarju Eżekuttiv informa lir-Reġjun rigward:

- *Talba għall-premises ġodda tar-Reġjun* – li minħabba l-fatt li l-Kummissarju tal-Artijiet kien irriżenja fuq kwistjonijiet Nazzjonali, ir-Reġjun ingħata parir ulterjuri fejn ġie mitlub jistenna r-risposta tad-Dipartiment tal-Artijiet l-ewwel sabiex wara jkun f'pożizzjoni aktar komda jibda jew mod ieħor il-proċeduri ta' Devoluzzjoni mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali l-ewwel;

- *Management Letter 2014* – Li r-risposta tar-Reġjun Għawdex għall-*Management Letter* għas-sena 2014 kienet intbagħtet kif mitlub;

- *Il-Kuntratt tar-Reġistratur tat-Tribunal* - Li l-Kuntratt tar-Reġistratur tat-Tribunal *part-time* bejn ir-Reġjun Għawdex u s-Sinjorina Georgina Gauci kien ġie ffirmat b'seħħ mill-1 ta' Ottubru 2015, peress li kien *Transfer of Business and Undertaking,* wara li r-Reġjun ingħata l-approvazzjoni rikjesta kemm mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, kif ukoll mill-*Employment & Training Corporation* (ETC) u mill-*Local Enforcement System Agency* (LESA) ;

- *Il-Ħaddiema tad-Dipartiment assimilati mar-Reġjun Għawdex* - Li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali kien għadu ma tax deċiżjoni ċara lir-Reġjun dwar x'xogħol jistgħu jingħataw il-ħaddiema tal-istess Dipartiment li kienu ġew mgħoddija lir-Reġjun Għawdex mad-devoluzzjoni tad-dawl ħlief li l-grad tagħhom ma kienx jippermetti li dawn il-ħaddiema jingħataw xogħol amministrattiv jew dak klerikali imma biss tekniku. Għalhekk ir-Reġjun reġa' inkariga lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jibgħat ittra oħra lid-Direttur tad-Dipartiment għal Gvern Lokali fejn jintalab jiċċara dawn l-affarijiet għall-aħjar interess ta' kull min hu involut sabiex ir-Reġjun ikun aktar f'pożizzjoni komda li jħaddimhon skont l-esiġenza tas-servizz;

- *Applikazzjonijiet Aġenzija Pubblika MIEMA* - Li bi pjaċir l-erba' applikazzjonijet li l-Aġenzija *Malta Intelligent Energy Management Agency* (MIEMA) kienet sottomettiet f'isem r-Reġjun Għawdex għall-proġetti ko-finanzjati mill-Unjoni Ewropea kienu ġew approvati mill-ewwel fażi li tikkonsisti f'verifikar tad-dokumenti u l-applikazzjonijiet infushom mill-*LEAD Partners* ta' dawn il-proġetti rispettivi.

- *Ittra Legali tal-Kumpanija TOAD Management Services Ltd.* - B'referenza għall-ittra legali li r-Reġjun kien irċieva mingħand il-Kumpanija *TOAD Management Services Ltd.*, is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri preżenti li wara li d-Dottoressa Georgene Schembri kienet ivverifikat sewwa l-każ flimkien mal-kuntratt li r-Reġjun Għawdex kien iffirma mal-istess kumpanija, kienet qed titlob lir-Reġjun sabiex jiggwidaha kif tipproċedi bir-risposta tal-ittra peress li l-kuntratt huwa għal terminu definit, u bl-ebda mod ma jikkontempla l-possibilita' li r-Regjun jittermina l-ftehim, salv fil-każijiet estremi provduti fl-istess ftehim.

  Wara diskussjoni pjuttost twila, ġie deċiż li fir-risposta li d-Dottoressa Schembri għandha tibgħat f'isem ir-Reġjun Għawdex, hu importanti li terġa' tenfasizza l-punt li r-Reġjun Għawdex kien ittermina l-kuntratt lill-Kumpanija *TOAD Management Services Ltd.* mhux b'kappriċċ jew biex jikkomprometti l-integrità tar-Reġjun Għawdex imma biss għax hekk kien ġie ordnat jagħmel mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

Imbagħad il-laqgħa tkompliet skont l-Aġenda maqbula.

## 3. Talba mir-Reġistratur tat-Tribunal Reġjonali għall-estensjoni tal-Kuntratt

3.1 Il-President Dr Samuel Azzopardi informa lill-membri preżenti li wara li ġie iffirmat il-kuntratt bejn ir-Reġjun Għawdex u r-Reġistratur tat-Tribunal Reġjonali s-Sinjorina Georgina Gauci, is-Sinjorina Gauci esprimit ix-xewqa li tingħata estensjoni tal-kuntratt għal numru żgħir ta' snin wara li d-data tal-irtirar tagħha li tinzerta bħal-lum sena sabiex ittejjeb il-pensjoni tagħha hekk kif issa saret impjegata tar-Reġjun Għawdex b'paga diċenti.

Wara diskussjoni interessanti fejn is-Segretaju Eżekuttiv is-Sur George Refalo informa lill-membri preżenti li hu kien diġa talab il-parir tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar din il-proposta, kif ukoll dwar dak li jistipula l-*Public Service Management Code*(PSMC) f'ċirkostanzi simili fejn jiddettaw li estensjoni hi biss possibbli meta wara li tkun ħarġet sejħa għall-post ma japplika ħadd bil-konsegwenza li x-xogħol ta' Registratur ma jistax jieqaf, is-Segretarju spjega kif hu kien talab ukoll risposta mingħand il-LESA sabiex jindikaw lir-Reġjun jekk il-post tar-Reġistratur hux ser jibqa' impjegat tar-Reġjun jew jekk hemmx il-ħsieb li jsir tal-LESA ħalli ġaladarba jkun stabbilit il-futur ta' dan il-post, ir-Reġjun ukun jista' jippubblika s-sejħa jew mod ieħor għall-Reġistratur tat-Tribunal Reġjonali.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li sal-lum ir-Reġjun Għawdex kien għadu ma irċieva l-ebda risposta mil-LESA dwar dan is-suġġett. Għalhekk il-membri inkarigaw lis-Segretarju sabiex jibqa' jsegwi l-każ ħalli ix-xogħol ta' Reġistratur fit-Tribunal Reġjonali jibqa' għaddej sew jekk tinħareġ applikazzjoni mir-Reġjun kif ukoll kemm-il darba hemm il-ħsieb li dan il-post jiġi assimilat mil-LESA ukoll.

3.2 Is-Segretarju għarraf lir-Reġjun ukoll li r-Reġistratur tat-Tribunal qegħda titlob li jkollha *printer* u *photocopier* li tiskennja d-dokumenti ukoll għax ma tistax taqdi l-funzjonijiet ta' Reġistratur kif suppost.

Wara diskussjoni fuq is-suġġett fejn issemmew il-possibiltà li jew tinxtara *photopcopier* ġdida li toffri dawn il-faċilitajiet jew tiġi kkunsidrata ukoll il-possibiltà li flok xiri, ir-Reġjun jidħol f'kuntratt ma' kumpanija li taħdem f'dan il-qasam għax ikun jaqbel li nixtru s-servizz biss u mhux l-apparat ukoll, ir-Reġjun iddeċieda li l-aħjar hu li s-Segretarju wara li jkun evalwa l-ammont ta' xogħol li t-Tribunal jipproċessa, jiddeċiedi hu liema l-aħjar li nixtru fis-sens jekk hux l-apparat jew is-servizz biss u li dan jagħmlu ukoll wara li jiġbor il-kwotazzjonijiet rispettivi biex imbagħad ikun jista' jipproċedi skont l-aktar għażla li jaqbel sabiex it-Tribunal ikun attrezzat bl-aħjar mod possibbli sabiex jaqdi l-funzjonijiet tiegħu kif suppost.

## 4. Il-Futur tal-kirja tal-*Garage* li jservi ta' *store* tat-Tribunal Reġjonali

4.1 Il-President Dr Samuel Azzopardi stieden lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jaġġorna lir-Reġjun dwar l-aħħar żviluppi dwar il-futur tal-kirja tal-garaxx li għandu jservi ta' *store* tat-Tribunal Reġjonali kif ukoll tar-Reġjun ukoll.

Wara li s-Segretarju Eżekuttiv infurmahom li is-sid tal-*garage/store* li qed jintuża fil-preżent, is-Sur Anthony Borg Caruana tħallas kemm għax-xahar ta' Jannar kif ukoll għax-xahar ta' Frar bl-approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti Nru38 fl-aħħar laqgħa tar-Reġjun, spjega kif wara li r-Reġjun kien ħareġ *expression of interest* interna l-ewwel fost il-Kunsilli Lokali ta' Għawdex, il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem biss kien offra propjeta' li tista' sservi ta' *store* tat-Tribunal Reġjonali u li l-Kunsilli Lokali l-oħra ma kellhomx proprjetà x'joffru bħalissa iżda mhux li ma kienux interessati.

Hawnhekk, is-Sur Mario Azzopardi ddikjara li għandu kunflitt ta' interess Sindakali minħabba l-fatt li hu s-Sindku tal-Lokalità Ta' Kerċem, u talab sabiex jirtira mis-Sala sabiex ir-Reġjun ikun jista' jkompli jiddiskuti din l-offerta. Wara li ġiet aċċettata t-talba u s-Sur Mario Azzopardi ħareġ mis-Sala, is-Segretarju Eżekuttiv ġie mistieden ikompli u informa lir-Reġjun li l-uniku problema li teżisti biex ir-Reġjun Għawdex jikkunsidra din l-offerta, hi li l-Kunsill Lokali Ta' Kerċem hu marbut b'Bye-Law li biex jikri il-garaxxijiet li għandu trid tinħareġ sejħa għall-offerti u li kemm-il darba r-Reġjun hu interessat, hu mistenni li jitfa' l-offerta tiegħu flimkiem ma' applikazzjoni għand il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem sal-15 ta' Marzu 2016 peress li din l-offerta tinsab kumbinazzjoni miftuħa għal kull min hu interessat li jikri garaxx mingħand l-istess Kunsill Lokali Ta' Kerċem.

Wara li nżammet diskussjoni interessanti fejn mhux biss ġew eżaminata bir-reqqa l-korrispondenza dwar il-possibbli kera bejn ir-Reġjun u l-Kunsilli li għaddiet bejn ir-Reġjun Għawdex u d-Dipartiment għall-Gvern Lokali proprju fuq din il-kwistjoni imma ukoll ġew evalwati ħafna proposti u prezzijiet tas-suq inkluż il-prezz

tal-kirja attwali mas-Sur Anthony Borg Caruana peress li diġa hemm indikazzjoni ċara li f'każ li r-Reġjun jidħol f'kuntratt ta' kera miegħu il-prezz kien żgur ser jgħola aktar minn €100 fix-xahar, ir-Reġjun iddeċieda li ġaladarba l-kera bejn żewġ entitatjiet pubbliċi hi eżentata mill-*Public Procurement Regulations*, ir-Reġjun għandu jagħmel l-offerta tiegħu lill-Kunsill Lokali Ta' Kerċem allavolja qiegħed ifittex post hu, li ma teċċedix l-ammont stipulat ta' *Direct Order*, kif ukoll tkun orħos mill-kera preżenti ta' €100 fix-xahar u li f'sena tammonta allura għas-somma ta' elf u mitejn Ewro (€1200).

Għalhekk, r-Reġjun qabel li l-ammont li r-Reġjun għandu joffri għall-kiri ta' *garage/store* proprjeta' tal-Kunsill Lokali Ta' Kerċem għandu jkun ta' €1100 fis-sena.

Wara li s-Sur Mario Azzopardi ġie mistieden jerġa' jieħu postu fis-Sala, il-Laqgħa tkompliet skont l-Aġenda.

***5. Street Lighting Devolution Agreement***

5.1 Il-President Dr Samuel Azzopardi filwaqt li fakkar kif hu kien talab laqgħa mall-Kuntrattur Galea Curmi Engineering fejn fost affarijiet oħra kien talbu iħejji rapport dettaljat fejn mhux biss jidentifika dawk in-nuqqasijet kollha li ġew kawżati bil-bdil tal-lanterni fit-toroq imma ukoll sabiex jirrakkomanda soluzzjonijiet sabiex jiġu indirizzati l-problemi li jeżistu, informa lir-Reġjun li dan ir-rapport għadu mhuwiex lest.

Wara li numru konsiderevoli ta' membri ikkonfermaw li bħala Kunsill Lokali kienu diġa ġew ikkuntattjati mill-Kuntrattur dwar dan ir-rapport li qed iħejju, il-President talab lill-membri preżenti sabiex jaqblu fuq numru ta' proposti li r-Reġjun importanti li jistabbilixxi bil-quddiem għal meta jiġi biex jinnegozzja mal-*Projet Leader* tal-proġett ġaladarba jiġu identifikati n-nuqqasijiet ta' dan il-proġett ta' bdil tal-lanterni tat-toroq ta' Għawdex.

Wara diskussjoni pjuttost twila imma interessanti fejn kull membru ipparteċipa bis-sħiħ tant li ssemmew każijiet li ħadd ma kien jaf biss li seħħew u kif il-Kunsilli għarrfu jittrattawhom, ir-Reġjun ikkonkluda li irrispettivament minn dak kollu li ser jirrakkomanda r-rapport tal-kuntrattur:

I. Ir-Reġjun u l-Kunsilli Lokali ta' Għawdex ma humiex ser iħallsu jew jagħmlu tajjeb bil-fondi allokati lilhom għall-ispejjeż ta' bozoz ġodda li ser jiġu rakkomandati sabiex jitwaħħlu kawża tan-nuqqas ta' dawl provdut mil-lanterni l-ġodda li ħadu post dawk qodma ħlief għal dawk il-lanterni li jridu jitwaħħlu fejn hemm nuqqas ta' dawl għax qatt ma kien hemm bozza eżistenti qabel jew xi darba.

II. Ir-Reġjun u l-Kunsilli Lokali ta' Għawdex jitolbu li jingħataw numru ta' lanterni addizzjonali ta' kobor differenti sabiex bihom il-Kuntrattur ikun jista' jibdel dawk eżistenti sabiex jindirizza n-nuqqasijiet li ser jidentifika hu stess fir-rapport kif ukoll fejn ir-residenti qed jitolbu aktar jew inqas dawl tal-bozoz il-ġodda, u li jekk dan mhux possibbli, ir-Reġjun Għawdex jew il-Kunsilli Lokali għandhom jew jingħataw il-fondi meħtieġa sabiex il-kuntrattur ikun jista' jagħmel dan ix-xogħol jew jingħataw rifużjoni tal-ispejjeż li r-Reġjun jew il-Kunsilli Lokali ta' Għawdex ikunu soffrew biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fir-rapport anke f'każ li jinstab li l-uniku soluzzjoni hi li titwaħħal lanterna li qatt ma eżistiet qabel jew xi darba fil-post identifikat.

III. Ir-Reġjun, ġaladarba għandu l-approvazzjoni mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, għandu jippubblika *Contract Period* għal numru ta' snin sabiex jiġi żgurat li kull meta r-Reġjun jew il-Kunsilli Lokali ta' Għawdex ikollhom għal xi raġuni jew oħra jixtru lanterna ġdida, din tkun bi prezz magħruf minn qabel u mingħand Kuntrattur li rebaħ il-kuntratt wara sejħa pubblika għall-offerti, kif ukoll tkun simili għal-lanterni l-ġodda li twaħħlu riċenti sabiex teżisti uniformità fil-lanterni tat-toroq kemm f'dik li hi kwalità ta' dawl u speċifikazzjonijiet imma ukoll *standards* tal-Unjoni Ewropa.

Għalhekk, ir-Reġjun inkariga lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jikkonsulta mal-Kuntrattur Galea Curmi Engineering malajr kemm jista' jkun rigward l-aħħar proposta minħabba l-fatt li diġa hemm Kunsilli Lokali Għawdxin li approvaw twaħħil ta' lanterni ġodda fejn qatt ma kien hemm bozza eżistenti qabel jew xi darba u li mportanti ħafna li dawn jitwaħħlu għax jeżisti periklu kbir għar-residenti li jgħixu f'dawk l-inħawi u l-madwar.

5.2 Ir-Reġjun inkariga lis-Segretarju Eżekuttiv ukoll sabiex dawn il-proposti jikkomunikahom mal-Kuntrattur Galea Curmi Engineering li għalkemm ma għadx għandu x'jaqsam mal-proġett ta' bdil ta' lanterni fit-toroq għax l-istess proġett ġie fi tmiemu, sabiex f'każ li jintalab jissottometti xi rapport fuq l-istess proġett mill-Project Leader tal-Proġett, il-Kuntrattur ikun f'pożizzjoni li jirrakkomanda l-proposti tar-Reġjun kif maqbula f'din il-laqgħa tal-lum minn qabel peress li r-Reġjun qiegħed jinnota li r-Reġjun qiegħed apposta jitħalla barra milli jiġi konsultat fuq dan il-proġett li jolqot lir-Reġjun ta' Għawdex direttament mhux biss għax jirrigwarda d-dwal fit-toroq tal-Lokalitajiet ta' Għawdex biss, imma ukoll għax dan kien proġett pilota fil-gżejjer Maltin u għax fl-aħħar mill-aħħar ir-Reġjun sar responsabbli minn dak kollu li jikkonċerna d-dwal fit-toroq kemm bħala spejjeż ta' manteniment kif ukoll tad-dwal inniffsu.

## 6. Talba għall-installazzjoni ta' CCTV camera mill-Kunsill Lokali Rabat – Città Victoria

6.1 Il-President Dr Samuel Azzopardi nforma lir-Reġjun li l-Kunsill Lokali Rabat – Città Victoria kien bagħat korrispondenza fejn qiegħed jitlob li r-Reġjun japprova jew mod ieħor l-installazzjoni ta' *CCTV Cameras* sabiex jissorveljaw partijiet minn Pjazza l-Assedju ta' Għawdex, fir-Rabat Għawdex minħabba li qiegħed jiġi rapurtat rimi ta' skart illegali. Għalhekk, il-President iddikkjara kunflitt ta' interess Sindakali minħabba li hu s-Sindku tal-Belt Victoria u talab li jirtira mis-Sala.

Wara li ġiet aċċettata t-talba u l-President Dr Samuel Azzopardi ħareġ mis-Sala, is-Segretarju Eżekuttiv irrimarka li l-Viċi-President kien assenti għal-laqgħa u għalhekk stieden lis-Sur Saviour Borg sabiex imexxi l-laqgħa skont ma tistipula l-i*Standing Order* 1/2015 li kienet ġiet deċiża fil-Laqgħa Nru 53/2015.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri preżenti li kif kien ġie mitlub fil-laqgħa preċedenti, il-Kunsill Lokali Città Victoria kien bagħat korrispondenza fejn kien qiegħed jitlob sabiex japprova jew mod ieħor it-talba biex jiġu nstallati *CCTV Cameras* fi Pjazza l-Asseddju ta' Għawdex peress li qiegħed isir rimi ta' skart illegali f'ħafna partijiet differenti dawk l-inħawi u fil-madwar.

Wara diskussjoni interessanti fejn numru ta' Sindki saqsew dwar il-ħtieġa li r-Reġjun japprova jew mod ieħor din l-inizzjattiva u fejn ġie spjegat kif din it-talba qegħda issir bħalma kien ġara fil-każ tas-*Surveillance Cameras* tal-Kunsill Lokali Għarb li kienet ġiet diskussa fil-Laqgħa Nru 53/2015, sabiex f'każ li din it-talba tiġi approvata mir-Reġjun, il-Kunsill Lokali rispettiv ikun jista' jitlob biex it-tħaddim ta' dawn il- *Cameras* li l-istess Kunsil Lokali ikun installa fil-Lokalità jiġu trasferiti u eventwalment ingaġġati u amministrati mill-LESA bħala parti mis-sistema tal-Infurzar Lokali, ir-Reġjun ma sabx ogezzjoni u approva t-talba tal-Kunsill Lokali Città Victoria.

Wara li l-President Dr Samuel Azzopardi ġie mistieden jerġa' jieħu postu fis-Sala sabiex ikompli jippresjiedi l-Laqgħa skont l-Aġenda, ġie irrimarkat il-fatt li għalkemm fuq din il-proposta tal-Kunsill Lokali Città Victoria il-Kumitat Reġjonali Għawdex ma sabx oġġezzjoni, id-deċiżjoni finali trid tittieħed mill-Aġenzija l-ġdida tal-Infurzar Lokali (LESA) wara li l-istess Kunsill Lokali Città Victoria iressaq formalment it-talba tiegħu lill-istess Aġenzija filwaqt li jinfurmaha li r-Reġjun ma sab l-ebda ogezzjoni għall-proposta imressqa mill-Kunsill Lokali Città Victoria.

Għalhekk, ir-Reġjun inkariga lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jinforma b'dan lill- Kunsill Lokali Città Victoria.

## 7. Parteċipazzjoni Annwali fil-*Festival des Lycéens et Apprentis – European Orchesta – Région Aquitane*.

7.1 Il-President Dr Samuel Azzopardi informa lill-membri li, wara r-Reġjun Għawdex kien approva fl-aħħar laqgħa li għal darb'oħra r-Reġjun Għawdex jerġa jipparteċipa f'dan il-Festival u kien ħatar lis-Surmast Mark Gauci sabiex jagħmel l-*auditions* neċessarji biex eventwalment jintgħażlu l-mużiċisti żgħażagħ li ser jirrapreżentaw lir-Reġjun Għawdex f'Mejju 2016 ġewwa Aquitane fi Franza, hu kien sejjaħ laqgħa mas-Surmast Gauci fejn kien spjegalu kif wara li jsiru l-*auditions* u sakemm jiġu approvati l-mużiċisti eleġibbli mill-organizzaturi tal-Festival fi Franza, il-Kunsill Lokali minn fejn kienu jiġu dawn l-istudenti magħżula kellu jingħata ċ-ċans li jiddeċiedi jekk hux dispost jew le li jħallas l-ispejjeż tal-biljett tal-ajru tal-istudent/i li intgħażlu sabiex wara dan l-eżitu l-istudenti rispettivi jkunu nfurmati formalment jekk ġewx magħżula jew mod ieħor sabiex jirrapreżentaw lir-Reġjun Għawdex f'dan il-Festival prestiġjuż fi Franza. Il-President filwaqt li fakkar li l-ispejjeż tal-biljett tal-ajru tas-Surmast kienu ser jitħallsu mir-Reġjun

Għawdex, stieden lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jagħti dettalji ta kif żvolġew l-affarijiet wara li nżammu l-*Auditions* fis-Sala tal-Kunsill Lokali Città Victoria nhar is-Sibt 23 ta' Jannar 2016.

Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur George Refalo ta' spjegazzjoni dettaljata lill-membri preżenti billi infurmahom li għall-*auditions* kienu attendew ħames(5) studenti li kienu tlett(3) vjolini, Flute u Saxaphone Alto. Minn dawn l-istrumenti ġew aċċettati biss l-istudenti li jdoqqu il-vjolini u l-Flute għax is-sezzjonijiet tal-istrumenti tar-ram u l-qasba kienu ġew eżawriti mill-istudenti ta' pajjiżi oħra parteċipanti diġa, u li għalhekk hu kien informa lill-Kunsilli rispettivi minn fejn kienu jiġu dawn l-istudenti jekk humiex f'pożizzjoni li jħallsulhom jew mod ieħor l-ispejjeż tal-biljett tal-ajru. L-istudenti kienu kollha ta' sess femminil u kien hemm studenta li jddoqq il-vjolin residenti fil-Belt Victoria, żewġ studenti ukoll vjolin residenti fil-Lokalià tax-Xagħra u l-istudenta tal-Flawt kienet residenti fil-Lokalita Ta' Kerċem. Is-Segretarju kompla billi għarrafhom kif waħda mill-istudenti residenti x-Xagħra kienet infurmat lis-Surmast li qed tirtira milli tippareteċipa rrispettivament jekk kienetx intgħażlet jew le u kif il-Kunsilli Lokali rispettivi kollha kienu ddiskutew din id-deċiżjoni fil-laqgħa tal-Kunsill Lokali tagħhom u li l-Kunsilli Lokali kollha kienu aċċettaw li jħallsu l-ispejjeż tal-biljett tal-ajru tal-istudenti magħżula biex jippartiċipaw f'dan il-Festival. Hawnhekk, is-Sur Mario Azzopardi rrimarka kif il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem ma kellux għażla oħra ħlief li jaċċetta kull kif u rrispettivament minn kemm kien ser jiswa l-biljett tal-ajru peress li għal xi raġuni jew oħra l-istudenta mill-Lokalità Ta' Kerċem kienet infurmata li ntgħażlet qabel ma ħa deċiżjoni l-Kunsill Lokali Ta' Kerċem bil-konsegwenza li l-Kunsill Lokali ma setgħax ma jaċċettax li jħallas l-ispejjeż tal-biljett tal-ajru tal-istudenta. Il-President Dr Samuel Azzopardi filwaqt li kkundanna dak li ġara insista li dan ma kellux jiġri għax il-ftehim kien ċar għal kulħadd.

Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-membri preżenti kif wara l-approvazzjoni mill-Kunsilli Lokali rispettivi, hu kien informa b'dan lis-Surmast Gauci u stiednu biex jikkomunika dan ir-riżultat lill-istudenti kif ukoll dwar il-fatt li hu flimkien mas-Surmast Gauci kienu bbukkjaw il-Biljetti tal-Ajru li kienu jammontaw għall-€444 tal-istudenti u €538 tas-Surmast kif ukoll dwar il-fatt li r-*rehearsals* bi preparazzjoni għal dan il-Festival kienu ser jibdew il-ġimgħa d-dieħla hekk kif l-organizzaturi kienu ser jibgħatu l-mużika li ser tindaqq lis-Surmast.

7.2 Wara diskussjoni interessanti l-President talab li jixtieq jagħmel laqgħa mal-istudenti u l-ġenituri tagħhom fil-preżenza tas-Surmast Mark Gauci kif ukoll tas-Sindki ta' dawk il-Kunsilli Lokali li ser iħallsu l-ispejjeż tal-biljett tal-ajru tal-istudeneti sabiex wieħed jifhem aktar l-importanza tal-parteċipazzjoni ta' dawn l-istudenti promettenti f'dan l-avveniment annwali uniku fejn numru ta' mużiċisti żgħażagħ minn Reġjuni differenti tal-Ewropa jingħaqdu sabiex jiffurmaw l-*European Youth Orchestra*, kif ukoll sabiex jinfurmahom bis-sagrifiċċji mhux żgħar li l-Kunsilli Lokali rispettivi kienu qegħdin jagħmlu għal ġid ta' dawn l-studenti u għal din l-opportunita' unika li qed jingħataw tant li r-Reġjun kien invadut minn talbiet ta' għalliema Maltin li xtaqu li jippartiċipaw f'dan il-Festival akkost li jħallsu l-ispejjeż kollha huma u jagħtu donazzjoni lir-Reġjun.

Għalhekk, ir-Reġjun inkariga lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jinforma b'dan kemm lis-Surmast Gauci kif ukoll lill-istudenti flimkien mal-ġenituri tagħhom.

## 8. Ħatra tas-Sotto-Kumitat Ċelebrazzjonijiet Jum Għawdex 2016

8.1 Il-President Dr Samuel Azzopardi filwaqt li reġa nsista dwar l-importanza li jinħatar Sotto-Kumitat kompost min-numru ta' membri tar-Reġjun sabiex jikkoordina u jfassal program ta' attivitajiet li ser jittellgħu apposta sabiex jikkomemoraw Jum Għawdex 2016, reġa' innota li n-numru ta' membri preżenti għal-laqgħa ma kienx daqs kemm wieħed jistenna għal-laqgħa tar-Reġjun, biss sabiex ma jiġrix bħas-sena l-oħra fejn minħabba ċirkostanzi li ħadd ma kellu kontroll fuqhom dan is-Sotto-Kumitat dam ħafna ma ġie maħtur, xorta stieden lill-membri preżenti sabiex jinnominaw membri sabiex iserrvu f'dan il-Kumitat.

Il-membri preżenti wara li ħadu in kunsiderazzjoni tal-fatt li għalkemm iċ-ċirkostanzi ma tantx għinu sabiex ir-Reġjun jiċċelebra Jum Għawdex 2015 kif xtaq, is-Sotto-Kumitat xorta kien kapaċi jorganizza Jum Għawdex 2015 b'mod dinjituż li kompla jżid il-ġieh u l-unur tar-Reġjun, il-membri preżenti kienu unanimament jaqblu li dan is-Sotto-Kumitat għandu jkun maħtur mill-istess membri li servew is-sena li għaddiet jiġifieri l-President u s-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-Sur Franco Ciangura u s-Sur Noel Formosa.

## 9. <u>Interess dwar Applikazzjoni għall-Proġett '*Europe for Citizens*'</u>

9.1 Il-President Dr Samuel Azzopardi filwaqt li fakkar kif fil-laqgħa preċedenti l-membri kienu mistiedna sabiex fil-laqgħa tal-lum jiddiskutu il-parteċipazzjoni tar-Reġjun f'dan il-proġett, stieden lill-membri preżenti sabiex joffru l-opinjoni tagħhom dwar possibiltajiet li jisfrutta r-Reġjun grazzi għal dan il-proġett.

Wara diskussjoni interessanti ħafna fejn il-President Dr Samuel Azzopardi fakkar lir-Reġjun fil-proposta li kienet saret mill-Ambaxxatur ta' Malta għal Franza l-Eċċ.Vincent Camilleri fejn wara diskussjonijiet preliminari li kellu mas-Sindku tal-Belt Montpellier fi Franza fejn dan tal-aħħar kien esprima li kien dispost li jimbarka fuq proġett ta' ġemellaġġ ma' Reġjun ta' Malta u preferibilment mar-Reġjun ta' Għawdex, il-membri qabblu li jagħmel sens li tiġi sfruttata din l-opportinità u r-Reġjun Għawdex japplika għall-proġett *'Europe for Citizens'* konxju li din il-proposta tista' issir realtà.

Għalhekk, ir-Reġjun inkariga lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jinforma b'dan l-interess lil min hu responsabbli minn dawn il-proġetti diplomatiċi fil-*Cultural Diplomacy Unit* fi ħdan il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin ta' Malta sabiex jkunu jistgħu jibdew it-tħejjijiet.

## 10. <u>Korrispondenza</u>

10.1 Talba għall-ħlas tal-*Performing Right Society* lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li biha r-Reġjun ikun liċenzjat li jista' jdoqq kwalunkwe mużika fil-pubbliku mingħajr ma jkollu għalfejn jitlob id-dritt tal-Awtur lill-Kompożitur jew lilll-kumpanija jew lil artist li jkun ħoloqha l-ewwel darba - Ir-Reġjun innota l-kontenut u stieden lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jipproċedi bil-pagament. Is-Segretarju Eżekuttiv infurma lir-Reġjun li l-pagament jinsab fl-iskeda tal-pagamenti li ser tiġi preżentata aktar tard sabiex jiġi approvat jew mod ieħor.

10.2 Stedina mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali flimkien mal-Uffiċċju tal-Parlamnt Ewropew f'Malta sabiex għoxrin(20) kunsillier mill-Gżejjer Maltin jipparteċipaw fil-*European Youth Event 2016* organizzat mill-Parlament Ewropew fl-20 u l-21 ta Mejju 2016 ġewwa Strasburgu fi Franza Għawdex - Ir-Reġjun innota l-kontenut.

10.3 Stedina mill-*Gozo Horse Racing Association* fejn qed jistiednu lir-Reġjun Għawdex sabiex jipparteċipa fil-Kampjonat ta' Tiġrijiet ta' Żwiemel li ser jiġi organizzat fil-Korsa ta' Xħajma bejn it-28 ta' Frar 2016 u it-13 ta' Marzu 2016 fejn qed tintalab is-somma ta' €350 filwaqt li jiġi mistieden jagħti l-premijiet rispettivi lir-rebbieħa għan-nom tar-Reġjun Għawdex - Ir-Reġjun innota l-kontenut. Wara diskussjoni interessanti fejn ġiet diskussa għal darb'oħra s-sitwazzjoni finanzjarja kritika li ilu jinsab fiha r-Reġjun, ġie deċiż li r-Reġjun Għawdex b'dispjaċir ma jilqax l-istedina tal-*Gozo Horse Racing Association* u stieden lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jinforma b'dan lill-Assoċjazzjoni.

## 11. <u>Approvazzjoni tal-Pagamenti</u>

11.1 Il-President Dr Samuel Azzopardi talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jagħti spjega tal-pagamenti li kienu qegħdin jiġi preżentati lir-Reġjun għall-approvazzjoni.

Wara l-ispjega sodisfaċenti li ngħatat mis-Segretarju Eżekuttiv fejn ġie imfisser kull ħlas rispettiv kif ukoll ir-raġuni għalfejn fuq struzzjonijiet mil-LESA ir-Reġjun kienu mitluba sabiex għalissa jibdew jiġu preżentati żewġ skedi ta' pagamenti sabiex tkun tista' ssir rifużjoni tal-ħlasijiet amministrattivi li r-Reġjun beda jkollu wara li bit-twaqqif tal-LESA ir-Reġjuni twaqqfilhom kull dħul li kien ikollhom mill-kontravenzjonijiet mogħtija, ir-Reġjun approva l-iskedi tal-pagamaneti nri 39 u 40 li jammontaw għal €4,579.11ċ u €4,610.44ċ rispettivament kif annessi mal-minuti.

## 12. Materji Oħra

12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-membri preżenti li minħabba l-fatt li ma' kienx hemm żviluppi ġodda min-naħa tad-Dipartiment għal Gvern Lokali jew il-LESA dwar ix-xogħol tal-*Accountants* mar-Reġjuni minħabba l-fatt li d-dħul tal-kontravenzjonijiet ma għadux jgħaddi għand ir-Reġjuni, tant li Reġjuni oħra li kienu f'nofs il-proċess ta' adġudikazzjoni iddeċidew li jkomplu bil-proċess, ir-Reġjun kien qiegħed jiġi infurmat li l-offerta għall-*Accountant* kienet ser tinħareġ fil-ġranet li ġejjin. Is-Segretarju informa lir-Reġjun ukoll li kien ser jieħu parir mingħand id-Dipartiment jekk joħroġx l-offerta bis-sistema l-qadima jew bl-*e-tendering* peress li s-Segretarji Eżekuttivi għadhom kif temmew b'suċċess kors f'dan tal-aħħar biss minħabba l-fatt li l-proċess il-ġdid tal-offerti jitlob li kollox ikun elettroniku teżisti l-problema li evalwaturi mill-Kunsilli ma jistgħux jinħattru għax ħlief is-Segretarji, ħadd ma ingħata taħriġ fuq is-sistema.

Għalhekk il-membri preżenti iddeċidew li ġaladarba s-Segretarju jingħata direzzjoni dwar kif ikun l-aħjar mod kif tinħareġ l-offerta fis-suq, huma m'għandhom l-ebda diffkulta li r-Reġjun Għawdex jippubblika din l-offerta sabiex l-*Accountant* tar-Reġjun ikun regolarizzat b'kuntratt ġdid u definit.

12.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lir-Reġjun li ġie kkuntatjat mir-rappreżentant tal-Kumpanija Taljana RODECO f'Malta fejn esprima x-xewqa li jorganizza laqgħa ta' informazzjoni mas-Sindki u l-Kunsilliera u l-ħaddiema rispettivi tal-Kunsill Lokali ta' Għawdex biex jintroduċi magħhom il-prodotti u x-xogħolijiet li din il-Kumpanija Taljana toffri fil-qasam tal-kostruzzjoni u l-asfaltar tat-toroq bit-tarmak sħun.

Il-membri preżenti aċċettaw l-istendina għax żgur li ser tgħinhom jaġġornaw aktar ruħhom mal-prattiċi ta' xogħol li jsir barra minn Malta u stiednu lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jinforma b'dan lill-lir-rappreżentant tal-Kumpanija rispettiva u jiddeċiedu data meta tkun tista' tinżamm din il-laqgħa.

12.3 Fl-aħħar il-President Dr Samuel Azzopardi stieden lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jaġġorna lir-Reġjun bil-progress li sar s'issa fil-Proġett LEAP, li minn Proġett finanzjat mill-Unjoni Ewropea, il-Gvern Malti aċċetta li jkomplieh bil-fondi Nazzjonali tant kemm raħ relevanti bħala programm ieħor soċjali sabiex ikompli jgħin lil dawk fil-bżonn biex ma jaqgħux lura fil-ħajja imma jkunu huma stess flimkien ma' nies bħalhom li ssuperaw dawn l-istess esperjenzi grazzi għal-għaqdiet, NGO's u Aġenziji li flimkein jaħdmu bla heda f'dan il-qasam grazzi għal Proġett LEAP biex itejjbu l-qagħda tagħhom.

Il-laqgħa ntemmet fis-8.15 p.m. u ġiet aġġornata *sine die*.

| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
|---|---|
| _______________________ | _______________________ |
| Dr. Samuel Azzopardi<br>President | George Refalo<br>Segretarju Eżekuttiv |